MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2/1994/1

Maria Antonia armla ta' Francis X. Galea u Franco Galea

vs

Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, l-Inginier inkarigat mir-Roads Section ghal Ghawdex fl-istess Dipartiment; kif ukoll l-Inginier inkarigat mid-Drainage Section fl-istess Dipartiment; c-Chief Government Medical Officer bhala responsabbli mid-Dipartiment tas-Sanita'

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li tghid:

Illi huma l-licensee u l-operatur rispettivament tal-hanut u 'snack bar' maghruf bhala 'Café Ritz' f'Valley Road, Marsalforn, limiti ta' Xaghra, Ghawdex;

Illi nhar it-tlieta 28 ta' Settembru 1993 waqt maltempata xita fl-inhawi ta' Marsalforn, f'hin minnhom id-dranagg pubbliku sbroffa ghal gol-imsemmi hanut minn got-toilets u minn god-drains tas-sinks ta' l-istess café';

Illi skond ma jistghu jifhmu l-atturi dan gara in parti peress illi l-'manhole' tad-drenagg vicin l-istess café kienet miksija u mghottija bit-tarmac illi kien inghata xi ftit jiem qabel u dan ghaliex meta waqt l-istess maltempata kien hemm terza persuna illi nehhiet it-tarmac minn fuq din il-'manhole' u nehhiet l-istess 'manhole' d-drenagg ma baqax ifur ghal gol-hanut ta' l-atturi;

Illi l-istess haga regghet avverrat ruhha waqt il-maltempata tad-dsatax ta' Novembru ta' l-istess sena meta d-drenagg gharraq ghal kollox hafna mill-istock illi l-atturi per necessita' jkollhom fil-hanut taghhom u anke hafna mill-attrezzi ta' l-istess hanut;

Illi per konsegwenza ta' dak illi gara l-atturi flimkien u individwalment sofrew danni ngenti kif jirrizulta aktar dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minhabba l-biza' taghhom illi terga' tirrepeti ruhha l-istorja tat-28 ta' Settembru 1993, l-atturi kienu pronti nnotifikaw lill-intimati bl-avverrat permezz ta' protest gudizzjarju prezentat fil-5 ta' Ottubru 1993; izda l-konvenuti flok ippruvaw isibu soluzzjoni ghad-drenagg baqghu totalment inattivi hlief ghall-intimat Tabib Principali tal-Gvern illi llimita ruhu illi jibghat kontro-protest lill-atturi sabiex jirribatti l-pretensjonijiet ta' l-atturi;

Illi peress li hafna mill-oggetti kontaminati mid-drenagg kienu 'consumables' l-atturi kellhom jeqirdu l-istess oggetti wara li taw opportunita' lill-konvenuti sabiex ikunu jistghu jezaminaw l-istess oggetti, haga li l-konvenuti m'ghamlux;

Illi r-ragunijiet il-ghala kellu jfur id-drenagg huma interament imputabbli ghall-intimati jew min minnhom; ghaliex evidentement id-drenagg pubbliku qieghed jisbroffa ghal gol- hanut ta' l-atturi ghaliex hafna mill-bini illi hemm f'Marsalforn ghandu l-ilma tax-xita llegalment

ikkomunikat mas-sistema tad-drenagg pubbliku. Per konsegwenza meta taghmel xita qawwija din is-sistema ma hix tlahhaq mal-volum tal-likwidu, u peress illi l-hanut ta' l-atturi jinsab fl-aktar livell baxx tas-sistema tad-drenagg pubbliku, id-drenagg jisbroffa minn hemmhekk;

Illi ghal dan huma responsabbli l-konvenuti ghaliex fost affarjiet ohra l-konvenuti m'humiex iwettqu id-dmir taghhom illi jimponu osservanza stretta tal-ligijiet tal-pajjiz fuq dawk kollha li jesegwixxu kostruzzjonijiet, kif ukoll ghaliex il-konvenuti naqsu illi jaraw illi s-sistema tad-drenagg pubbliku tkun kapaci tlahhaq mal-volum illi tircievi; fil-waqt illi l-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici huwa responsabbli ghaliex fil-kors ta' asfaltar jew 'tarmacking' mill-gdid tat-triq fil-vicinanzi tal-hanut ta' l-atturi naqas li jaghmel cert illi ma tinghalaqx il-'manhole' tad-drenagg;

Talbu ghalhekk ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

i. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat u tad-danni kollha sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-isbruffar tad-drenagg pubbliku ghal gol-hanut tal-atturi 'Café Ritz' f'Valley Road, Marsalforn, fiz-zewg okkazzjonijiet fuq imsemmija;

ii. tillikwida dawn id-danni okkorrendo ad opera ta' periti nominandi billi tiddikjarhom illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

iii. tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihalsu dawn id-danni kif likwidati;

iv. tikkundanna l-konvenuti jiehdu dawk il-mizuri preventivi sabiex jigi evitat illi fil-futur tirrepeti ruhha l-istess hsara u dan taht is-supervizzjoni ta' periti nominandi fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss;

v. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jaghmlu x-xoghlijiet necessarji huma stess a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tal-5 ta’ Ottubru 1993 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Jezisti konflitt ta’ dati dwar il-prezentata tal-protest relattiv, cioe’ jekk giexipprezentat fl-20 ta’ Settembru 1993, jew fil-5 ta’ Ottubru 1993, f’liema l-ahhar imsemmi jum gie notifikat lill-intimat Tabib Principali tal-Gvern fl-ufficju tieghu il-Belt, Valletta;

2. Fil-meritu, illi huma, jew min minnhom, ma jirrispondux ghall-allegat agir illegali ta’ terzi persuni, sidien ta’ fondi ohra, li allegatament setghu kkawzaw il-hsara lamentata;

3. Bla pregudizzju, illi r-rimedju effettiv ghall-atturi ma kienx (u f’kull cirkostanza mhux) li l-privat jirrimovi ‘manhole’ tas-sistema generali tad-drenagg imma li tinfetah l-‘inspection chamber’ tal-fondi partikolari;

4. It-talba ghad-danni allegati mhix attendibbli stante illi l-oggetti allegatament kontaminati gew distrutti mill-atturi li ma hallewx lill-esponenti, jew min minnhom, li jezaminhom qabel ma’ l-istess atturi ddistruggewhom;

5. Bla pregudizzju wkoll, il-hsarat lamentati kienu rizultat ta’ forza magguri;

6. salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni konfermata bil-gurament mid-Direttur tax-Xoghlijiet flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat folio 32 in-nomina ta’ Joseph Zammit bhala perit tekniku mill-Qorti kif allura preseduta;

Rat wara hafna sollecitazzjoniet li l-espert tekniku pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu li tinsab folio 88 et seq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet li gew prezentati;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qua l-proprjetarja u l-gestur rispettivament tal-hanut in kwistjoni u bhala tali, f'isimhom proprio, qeghdin jazzjonaw ghad-danni akwiljani kawzati f'zewg okkazjonijiet distinti, precizament fit-28 ta' Settembru u 19 ta' Novembru tas-sena 1993, kawza ta' drenagg li sbroffa u far fil-hanut taghhom mis-sistema ta' drenagg pubbliku. M'hemmx kontestazzjoni illi fiz-zewg granet in kwistjoni nizlet xita qawwija. Lanqas ma jidher li l-konvenuti qeghdin jikkontestaw il-fatt ta' l-isbroffar tad-drenagg mis-sistema pubblika ghal gol-hanut ta' l-atturi. Huma, il-konvenuti, eccepew, fost eccezzjonijiet ohra li ftit jew xejn huma ta' sustanza, il-forza magguri. Kien ghalhekk jispetta lilhom, il-konvenuti, li fl-ewwel lok jippruvaw din l-eccezzjoni fuq l-iskorta tal-fatt mhux kontestat li d-danni sofferti mill-atturi kienu kawza tad-drenagg li dahal fil-hanut. Fil-kuntest ta' dan l-Engineer inkarigat mis-sistema ta' drenagg f'Ghawdex stqarr u spjega fix-xhieda tieghu quddiem il-Perit Tekniku li d-drenagg far gewwa l-hanut minhabba kwantita' ta' volum ta' ilma tax-xita li mblokkat is-sistema. U hekk ukoll ikkonkluda l-espert tekniku nominat, rifferibbilment ghaz-zewg okkazjonijiet, cioe' tat-28 ta' Settembru u 19 ta' Novembru 1993, u attribwixxa l-akkadut ghall-fatt li s-sistema ma lahqitx mal-volum kbir ta' ilmijiet u drenagg b'dan li sehh dak li jissejjah 'back flow' fis-sistema li sbroffat fl-aktar mod naturali, cioe' mill-eqreb fonjaturi u komunikazzjonijiet. Jissusisti kwindi in ness tal-kawzalita' ma' l-event dannuz, kif ukoll tissusisti l-prova konkreta li l-hsara li sofrew l-atturi fil-proprjeta' taghhom immanifestat ruhha minhabba

l-agir tal-konvenuti jew li ta l-anqas ikkontribbew ghaliha, li fil-kaz in dizamina, hija evidenzjata fin-nuqqas taghhom li jagixxu mhux biss tempestivament izda wkoll provedutament li jilqghaw ghall-perikolu li kien jew messu kien prevedibbli. Huwa fatt maghruf, minghajr il-bzonn ta' ebda prova posittiva, li maltempati anka ta' certa entita' jokkorru minn zmien ghal zmien fejn is-sistema tad-drenagg ma tlahhaqx mal-volum ta' ilma u b'hekk ifuru it-tappiri li bil-pressa jinqalghu minn posthom. Fil-kaz in meritu l-awtorita' mhux biss ma hasbitx sabiex tinstalla sistema adegwata biex tilqa' ghal certu volum ta' ilma izda sahansitra ghattiet it-tapiera gja ezistenti quddiem il-hanut nonostante li kienet konxja tal-fatt li l-atturi kienu gja sofrew sbruffar fil-fond taghhom. Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw fil-kors ta' l-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regoli fl-Artikolu 1032(i) tal-Kodici Civili – *Appell deciz fl-24 ta' Jannar 2004 per Imhallef Ph. Sciberras fl-ismijiet Zammit v Direttur tat-Toroq et.*

Illi huwa rikonnoxut u affermat bhala principju li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddipendix mill-fatt tal-bniedem u li jkun event imprevedibbli u inevitabbli. Il-konvenuti, kif gja accennat, mank ittantaw igibu anka l-icken prova li l-fatt tad-dannu fil-proprjeta' ta' l-atturi kien dovut mhux ghal xi fatt min-naha taghhom izda dovut ghall-event imprevedibbli u inevitabbli. Konsegwentement, anka minn din il-prospettiva l-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli tal-hsara lamentata mill-atturi.

Illi fir-rigward l-hsara din il-Qorti, fuq ezami taz-zewg rapporti peritali, jidhrilha li l-ispejjez inkorsi mill-atturi huma ragjonevoli fic-cirkostanzi u qeghdha kwindi taccettahom in linja ta' danni sofferti minnhom. Minn dan isegwi li l-ewwel tliet talbiet ta' l-atturi ser jigu akkolti izda mhux wkoll l-ahhar zewg talbiet li dwarhom il-Qorti ser tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghhom minhabba s-semplici

fatt li l-atturi kienu hadu huma stess mizuri li rrizultaw effikaci.

Illi fin-nuqqas ta’ xi prova li tiskolpa lil xi wiehed jew whud mill-konvenuti u l-fatt li fiz-zmien li sehhew d-danni r-responsabilita’ kemm ghas-sistema tad-dranagg u kemm ghax-xoghlijiet tat-toroq kien jaqghu fil-mansjonijiet tad-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, il-Qorti, fil-waqt li qeghdha tilqa’ l-ewwel tliet talbiet ta’ l-atturi u tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni taz-zewg talbiet l-ohra taghhom, kif fuq inghad, qeghdha konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum li jhalsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ elfejn tliet mija hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2375.95) bl-imghax dekorribbli mill-lum sal-effettiv pagament.

In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom ibatuhom il-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------